# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Ġuramentat Nru.: 1009/2020 MH**

**Illum, 3 ta' Frar, 2022**

**Hani Al Girbi (K.I. 181342L) u Natalie Briffa al Girbi (K.I.172181M) li jeżerċitaw il-kummerċ f'isem "Orion Mini Market"**

**vs**

**Kenneth Cordina (K.I. numri 172181M) li jeżerċita l-kummerċ f'isem "Kenneth Sound & Vision"**

**Il-Qorti:**

Rat **ir-rikors ġuramentat tal-atturi tal-4 ta' Novembru 2020** li permezz tiegħu premettew u talbu –

*Jesponu bir-rispett u bil-gurament taghhom jikkonfermaw:*

1. *Illi l-esponenti xtraw minghand l-intimat numru ta' sistemi tal-arja kundizzjonata maghrufa bhala VR ("air conditioners") tal-ghamla Haier, u dan kif dettaljat ahjar fil-fattura mahruga mill-istess intimat (vide Dok. A) u skont l-ispecifikazzjonijiet dettaljati fid-dokumentazzjoni provduta mill-istess intimat lilhom (vide Dok. B);*
2. *Illi l-imsemmija air conditioners gew ikkunsinnati u installati lill-istess esponenti bejn April tas-sena elfejn u tmintax (2018) u Awwissu tas-sena*

*elfejn u dsatax (2019), izda ma kienux tal-kwalita' pattwita u miftiehma ghaliex proprju sa mill-mument tal-installazzjoni bdew juru numru ta' mankanzi; specifikament il-flaps tal-air conditioners ma kienux qed jahdmu sew; u b'hekk din il-karatteristika intrinzika tal-istess air conditioners kienet nieqsa; liema fatti u nuqqasijiet gew debitament notifikati lill-intimat minnufih fil-mument tal-installazzjoni;*

3. *Illi l-intimat wieghed lill-esponenti li l-mankanzi fl-imsemmija air conditioners kienu ser jigu rizolti u rimedjati minnu jew mill-haddiema tieghu, u sahansistra anka offra li jissospendi l-garanzija ta' tlett (3) snin relattiva ghalihom, sa kemm il-materja tigi rizolta, izda minkejja diversi tentattivi mill-intimat sabiex jirrimedja l-istess, l-materja baqghet ma gietx rizolta u l-mankanzi fl-imsemmija air conditioners baqghu jippersistu, tant li ma kienux jirrendu l-imsemmija air conditioners adegwati ghall-uzu li kien intiz li jsir minnhom mill-esponenti;*

4. *Illi l-mankanzi gew filfatt kkonfermati minn surveyor li gie ngaggat sabiex jispezzjona l-istess air conditioners u kif ukoll mill-korrispondenza li l-intimat kellu mal-agent in kwistjoni (vide Dok C).*

5. *Illi l-air conditioners kkunsinati lill-esponenti ghandhom mankanzi ta' karatteristika intrinzika taghhom li b'mod illi ma jirrendihomx adegwati ghall-uzu li intiz li jsir minnhom mill-esponenti, u li kieku kienu jafu b'dawn il-mankanza, ma kienux jixtruhom;*

6. *Illi l-esponenti gja hallsu lill-intimat l-ammont ta' tlettax-il elf u tmien mitt euro (€13,800) rapprezentanti il-prezz ghall-imsemmija air conditions, inkluz ghall-installazzjoni tal-istess;*

7. *Illi l-intimat gie interpellat diversi drabi mill-esponenti sabiex jiehu lura l-air conditioners u jhallas lura lilhom il-prezz ta' tlettax-il elf u tmien mitt euro (€13,800), izda hu baqa' indaempjenti u ghalhekk kellha issir din il-kawza;*

8. *Illi l-esponenti joperaw negozju kummercjali u partikolarment supermarket mill-propjeta fejn gew installati l-air conditioners u b'konsegwenza li l-air conditions ma kienux tal-kwalita pattwita, l-esponenti qedghin jsofru telf ta' qliegh u danni ohra, minghajr ma ghandhom ebda tort, hekk kif ser jigi ppruvat fil-mori ta' dan ir-rikors;*

9. *Illi b'hekk l-esponenti sofrew u ghadhom qed isofru danni konsiderevoli;*

*10.Illi l-esponenti jafu b'dawn il-fatti kollha personalment;*

*Ghaldaqstant in vista tas-suespost, l-esponenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni li jidhrilha xierqa w opportuna:*

1. *Tiddikjara illi l-intimat kkonsenja lill-atturi "air conditioners" mhux skond il-kwalita' pattwita;*
2. *Tiddikjara u tordna illi l-kuntratt ta' bejgh tal-air conditioners tal-ghamla Haier jigi rexiss;*
3. *Tordna lill-intimat ihallas lura lill-attur l-ammont ta' tlettax-il elf u tmien mitt euro (€13,800);*
4. *Tiddikjara illi l-intimat kien inadempjenti meta kkonsenja air conditioners mhux tal-kwalita' pattwita u b'hekk tiddikjara li kkawza danni lill-atturi;*
5. *Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi naxxenti mill-indamepjenza tal-intimat, jekk hemm bzonn bl-opera ta' periti nominandi;*
6. *Tordna lill-intimat jhallas lill-atturi dawk id-danni hekk likwidati minn din l-Onorabbli Qorti;*

*Bl-ispejjez kontra l-intimat li qed jigi minn issa ngunt sabiex jixhed u ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti annessi mar-rikors ġuramentat.

Rat **ir-risposta ġuramentata tal-konvenut tas-17 ta' Frar 2021**[1] li permezz tagħha ressaq dawn l-eċċezzjonijiet –

*Jesponi bir-rispett u bil-gurament tieghu jikkonferma:*

1. *Illi preliminarjament, it-talbiet attrici huma preskritti fil-konfront tal-esponenti a tenur tal-Artikolu 1407 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

[1] Fol 26

2. *Illi preliminarjament ukoll, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet esperiti mill-atturi huma guridikament improponibbli stante illi:*

    a. *L-atturi talbu lil dina l-Onorabbli Qorti, inter alia, sabiex tordna lill-esponenti jirrifondihom lura l-ammont ta' tlettax-il elf u tmien euro (€13,800), liema talba ma taqax fil-parametri tar-rimedji illi tikkontempla l-ligi fl-artikolu 1390 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*
    b. *In ogni kaz, b'kuntrarju ghal dak li hu ben stabbilit fil-gurisprudenza rigward l-azzjoni kontemplata fl0Artikolu 1390, l-atturi lanqas ma irrifjutaw l-air conditioners, li allegatament ma humiex tal-kwalita' pattwita, la materjalment u wisq anqas billi ddepozitawhom taht l-awtorita' tal-Qorti;*

3. *Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, fl-eventwalita' illi din l-Onorabbli Qorti tkun tal-fehma illi ghandha tichad l-eccezzjonijiet surreferiti tal-esponenti u tipprocedi bis-smiegh ta' din il-kawza, ghandha tigi msejjha fil-kawza l-kumpannija Titan International Limited, kumpannija Maltija bin-numru ta' registrazzjoni C1115, liema kumpannija tissuplixxi lill-esponenti bl-air conditioners mertu ta' din il-kawza;*

4. *Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet tal-attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;*

5. *Salv eccezzjonijiet ohra ulterjuri kif tippermetti l-ligi;*

*Bl-ispejjez kollha kontra l-atturi li min issa huma ingunti in subizzjoni.*

Rat l-ordni tagħha tat-12 ta' Mejju 2021 għall-inverżjoni tal-provi sabiex tiġi trattata u deċiża l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut dwar il-preskrizzjoni.

Rat il-provi mressqa mill-partijiet dwar din l-eċċezzjoni u n-Noti ta' Sottomissjonijiet skambjati bejniethom.

Rat li l-kawża ġiet differita għall-lum għas-sentenza preliminari dwar l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

**Ikkunsidrat:**

Permezz tal-proċeduri odjerni l-atturi qegħdin jitolbu lill-Qorti tiddikjara li diversi *air conditioners* konsenjati lilhom mill-konvenut ma kinux tal-kwalita' pattwita u kwindi l-kuntratt ta' bejgħ tagħhom għandu jiġi rexiss. Huma qed jitolbu wkoll ir-rifużjoni tas-somma ta' €13,800 imħallsa għalihom flimkien mal-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni.

Minn naħa tiegħu l-konvenut irrespinġa dawn il-pretensjonijiet bħala nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Mill-provi mressqa għall-fini ta' din l-eċċezzjoni sa issa jirriżulta li –

i. Il-konvenut jiġġestixxi ħanut bl-isem "Kenneth Sound & Vision" fejn fost l-oħrajn ibiegħ sistemi ta' *airconditioners*;

ii. L-attur kien xtara mill-ħanut tal-konvenut , wara diversi trattativi, *airconditioners* tal-għamla Haier dan għall-ħanut tiegħu Orion Mini Market ġewwa Tas-Sliema għall-prezz ta' €13,800 li kien jinkludi l-istallazzjoni;

iii. Fid-dokument intitolat *"Condition of Payment"* maħruġ mill-konvenut fit-22 ta' Frar 2018[2] ġew elenkati l-modalitajiet tal-ħlas u spejjeż oħra. Ingħad ukoll li l-konsenja u l-istallazzjoni kienu skedati għal nofs Marzu 2018 kif fil-fatt sar;

iv. L-istallazzjoni kienet bdiet iżda waqqfet għal xi żmien minħabba li l-atturi kellhom xi diżgwid mal-ġirien dwar il-konnessjonijiet esterni tal-*airconditioners*. Eventwalment l-istallazzjoni saret, iżda minħabba dawn id-diffikultajiet, din tlestiet xi sena wara u ġiet *commissioned* f'Awwissu 2019;

v. Effettivament jirriżulta minn email datata 2 ta' Novembru 2020[3], li s-sistema ma nfetħitx qabel Frar 2020. Fil-fatt l-Inġ. Robert Refalo, Service Manager ta' Titan International Ltd (suppliers tal-*airconditioners* Haier) kiteb li l-garanzija setgħet tibda tgħodd mill-1 ta' Jannar 2020 għal 3 snin;

vi. L-ilment tal-atturi huwa li sa mill-mument tal-installazzjoni dawn l-*airconditioners* bdew juru ċerti nuqqasijiet, speċifikatament il-*flaps* tagħhom ma kinux qed jaħdmu sew u l-konvenut ġie nfurmat minnufih fil-mument tal-istallazzjoni;

vii. Fl-email tat-2 ta' Novembru 2020, ir-rappreżentant tas-soċjeta' Titan International Ltd kiteb li[4] –

[2] Fol 5
[3] Fol 15
[4] Fol 15

*"Problem with ceiling flaps commenced immediately on commissioning. To date we still have problems with some flaps, but it seems we found a solution – once we fix these problems we can extend the warranty for the indoor units only by one year!"*

viii. Il-konvenut jixhed li l-problema tal-*flaps* b'ebda mod ma kienet ser taffetwa l-mod kif jaħdmu dawn l-*airconditioners*, u li kif ikkonfermaw kienu jkessħu kif suppost. Jidher li l-atturi kienu aċċettaw li jżommu l-*airconditioners* minkejja l-ilmenti li għamlu;

ix. Minn naħa l-oħra l-atturi jgħidu fir-rikors ġuramentat li għalkemm il-konvenut kien wiegħdhom u anke pprova jirrimedja l-mankanzi fl-imsemmija *airconditioners,* dan baqa ma seħħx u l-mankanzi baqgħu jippersistu tant li ma kinux jirrendu dawn l-*airconditioners* adegwati għall-użu li għalihom kienu ntiżi. Huma jisħqu illi li kieku kienu jafu b'dawn il-mankanzi ntrinsiċi ma kinux jixtruhom. Huma jgħidu li nterpellaw lill-konvenut diversi drabi sabiex jieħu lura l-*airconditioners* u jirrifondihom il-flus li ħallsu imma hu baqa' inadempjenti.

**Ikkunsidrat:**

Għal dawk li huma prinċipji ġenerali marbuta mal-għoti ta' eċċezzjonijiet ta' preskrizzjoni, ingħad hekk fil-każ **Stencil Pave (Malta) Ltd vs Dr Maria Deguara et noe deċiż fit-30 t'Ottubru 2003 -**

*"Illi għal dak li jirrigwarda l-aspetti legali tal-eċċezzjoni taħt eżami, jibda biex jingħad li f'kull każ li tittella' eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, huwa meħtieġ li fl-ewwel xogħol jiġi determinat minn mindu l-preskrizzjoni tal-azzjoni għandha tibda titqies . Huwa dmir tal-Qorti li tqis dan il-fatt kruċjali, għaliex meta tali*

*data mill-provi mressqa ma tistax titqies, il-Qorti trid awtomatikament tiċħad l-eċċezzjoni;*

*(…….)*

*Illi hija regola ewlenija fil-proċedura li l-prova li l-azzjoni hija preskritta trid issir minn min iqanqal l-eċċċezzjoni, u għalkemm il-parti attriċi tista' tressaq provi biex tittanta xxejjen dawk tal-parti mħarrka billi tmieri li għadda ż-żmien jew billi ġġib 'il quddiem provi li juru li l-preskrizzjoni kienet sospiża jew interrotta, il-piż jaqa' prinċipalment fuq min jallega l-preskrizzjoni. Hi l-parti mħarrka li trid tipprova li l-parti attriċi għaddhielha ż-żmien utli biex tressaq il-kawża, u dan minn żmien minn meta dik il-kawża setgħet titressaq ;*

*Illi ngħad ukoll li ż-żmien tal-preskrizzjoni jrid jitqies b'riferenza għall-azzjoni kif imfassla….*

*(……)*

*Illi, kif ingħad iżjed 'il fuq, l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni trid tingħata tifsira restrittiva, u għalhekk jekk ikun jeżisti xi dubju dwar l-applikabilita' taż-żmien preskrittiv minn dak li jirriżulta mill-atti, tali dubju għandu jmur kontra l-eċċipjent. Dan ma jfisser bl-ebda mod li l-attur huwa meħlus milli jressaq provi konvinċenti fl-istadju tal-provi fil-mertu, biex isejjes l-allegazzjonijiet tiegħu;*

*Illi bilkemm għandu għalfejn jingħad li l-preskrizzjoni (speċjalment dik tax-xorta li toqtol il-proċess) hija istitut li, min-natura tiegħu, irid jitqies fil-limiti stretti li tapplika għalih il-liġi u jitfisser dejjem b'mod li ma jġibx fix-xejn il-għan li għandu jsir ħaqq fuq is-sustanza tal-kwestjoni."*

**L-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-konvenut** li dwarha qed tingħata s-sentenza llum tgħid hekk –

*"1. Illi preliminarjament, it-talbiet attriċi huma preskritti fil-konfront tal-esponenti a tenur tal-artikolu 1407 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta."*

**L-artikolu 1407 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta** jipprovdi hekk -

*"(1) L-azzjoni li tmiss lill-bejjiegħ għaż-żjieda tal-prezz, u dik li tmiss lix-xerrej għat-tnaqqis tal-prezz jew biex jerġa' lura mill-kuntratt, tintilef egħluq sentejn minn dak in-nhar tal-kuntratt.*

*(2) Dan iż-żmien tal-preskrizzjoni jimxi kontra l-assenti, l-interdetti, in-nisa miżżewġa u l-minuri, kemm-il darba l-jedd ta'dawn il-persuni jkun ġej minn bejjiegħ jew xerrej li kontra tiegħu l-mixi taż-żmien tal-preskrizzjoni ma jiġix sospiż."*

Din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk dwar dan l-artikolu tal-liġi fil-każ **Adrian Theuma vs RLR Ltd deċiża fit-8 ta' Jannar 2013** -

*"Fis-sentenza ta` din il-Qorti tat-30 ta` Ġunju 1921 fil-kawża '**Carmelo Mangion pro et noe vs Alfonso Maria Galea noe'** (Kollez. Vol. XXIV.II.629) kien rilevat illi ż-żmien ta` sentejn kontemplat bl-Art.1407 tal-Kap.16 huwa perijodu ta` dekadenza mhux ta` preskrizzjoni. Hemm il-Qorti ċċitat lil Pacifici Mazzoni : Vendita : Vol I pag.390- 391 : No.206 : Seconda Edizione : cio che si desume non pure dalla locuzione della legge quanto dalla circostanza che tale termine corre contro tutti indistintamente quanto i minori ed ogni altra persona privileggiata. A tale perenzione o decadenza due condizioni sono necessarie e cioe` la*

*perfezione del contratto ed il decorrimento del biennio dal giorno di tale perfezione del contratto.*

*(ara wkoll is-sentenza tal-Qorti tal-Kummerċ tal-5 ta` Frar 1979 fil-kawża '**Alfred Delia vs Joseph Fenech**' – mhux ippubblikata).*

*Fis-sentenza tagħha tas-7 ta` Jannar 1967 fil-kawża '**John Cassar vs Francesco Saverio Vella**' (Kollez. Vol. LI.II.691) din il-Qorti għamlet analiżi u tat tifsira mirquma ta` dak li kien l-Art.1457(1) – illum l-Art.1407(1) – tal-Kodiċi Ċivili. Anke dik il-Qorti għamlet riferenza għal Pacifici Mazzoni : Vendita : Vol I pag.390-391 : No.206 : Seconda Edizione u żiedet tgħid hekk –*

*Li del resto il-lokuzzjoni tal-istess artikolu hija fis-sens li l-azzjoni 'tintilef' malli jiddekorri ż-żmien stabbilit mil-ligi.*

*Li l-artikolu fuq imsemmi jikkorrispondi għall-art.1622 tal-Kodiċi Franċiż, bid-differenza li f`dana l-artikolu l-kelma 'tintilef' użata mil-leġislatur tagħna hija espressa bil-kliem 'sotto pena di decadenza'. Dana ż- żmien ma jidhirx li seta` jiġi prorogat jew interrott b`xi manjiera għaliex anki Portalis li huwa l-kommentatur ta` dana l-artikolu isostni 'Questo tempo e` sufficiente per riconoscere un errore, che si puo` ad ogni istante verificare. Un termine piu` lungo (fil-Kodici Franciz huwa ta` sena) porterebbe troppa incertezza negli affari della vita' (citat fil-Locre`, t. VIII, p.74)*

*Li għalhekk kwalunkwe interpellazzjoni ġudizzjarja jew konversazzjoni oħra li setgħu, skond il-liġi, jinterrompu t-termini tal-preskrizzjoni meta si tratta ta` preskrizzjoni, f`dana l-każ, billi ninsabu f`materja ta` dekadenza ma jista` jkollha ebda effett interruttiv, għaliex l-azzjoni hija perenta jekk ma tiġix eżerċitata fiż-żmien utili u mprorogabbli ta` sentejn. (Kollez. XXIX.III.137),*

*Fis-sentenza tagħha tad-29 ta` Marzu 1941 fil-kawża '***Edward Vincenti noe vs Carmelo Mazzitelli***', il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) ma daħlitx fil-kwistjoni jekk il-perijodu kienx wieħed ta` dekadenza jew ta` preskrizzjoni iżda sostniet illi meta l-azzjoni tax-xerrej tkun ghaliex ikun hemm nuqqas ta` kwalita` li tkun sostanzjali u li tkun ġiet espliċitament imwegħda mill-bejjiegħ lix-xerrej, l-azzjoni kellha tkun eżerċitata fi żmien sentejn mill-kuntratt.*

*Fl-istadju tas-sottomissjonijiet finali dwar l-eċċezzjoni ulterjuri, il-kumpannija konvenuta ghamlet riferenza ghas-sentenza ta` din il-Qorti (PA/GV) tat-30 ta` Ġunju 2003 fil-kawża '***Zammit Automobiles Limited vs Charles Bezzina***' sabiex tissottolinea l-fehma tagħha li t-terminu ta` sentejn kellu jiddekorri mid-data tal-konsenja tal-oġġett li dwaru jkun qiegħed jiġi allegat li ma kienx tal-kwalita` patwita.*

*Din il-Qorti rat mhux biss dik is-sentenza iżda żewġ sentenzi oħra li l-Qorti kienet tat fl-istess kawża.*

*Tistqarr illi l-pern tal-kwistjoni li kienet deċiża fit-30 ta` Ġunju 2003 ma kenitx dik li din il-qorti għandha fil-kawża tal-lum. Kienet tolqot il-mertu tal-azzjoni. F`termini sempliċi u riduttivi ferm, kienet tittratta d-differenza bejn azzjoni dwar bejgħ ta` oġġett b`difetti moħbi u azzjoni dwar bejgħ mhux tal-kwalita` patwita, u x`għandu jagħmel il-kompratur bl-oġġett mertu tal-bejgħ.*

*Tirrikonoxxi illi obiter (għax il-punt ma kienx mertu tad-deċiżjoni) il-qorti qalet hekk –*

*Li dina l-azzjoni skond l-artikolu 1407(1) tintilef għeluq sentejn minn dakinhar tal-kuntratt u dan il-perjodu huwa wieħed ta' dekadenza. Fil-każ li tingħata*

*eċċezzjoni dwar nuqqas ta' kwalita' pattwita dina trid tigi proposta fi żmien sentejn mill-konsenja ta' l-oġġett mibjugħ.*

*A skans ta` ekwivoċi, propju għaliex bis-sentenza tal-lum, qegħda tiġi deċiża speċifikament l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni skond l-Art.1407(1) tal-Kap.16, konfortata kif inhi mill-ġurisprudenza diġa` ċitata, din il-Qorti tgħid kjarament illi t-terminu ta` sentejn biex kompratur jagħmel azzjoni biex jirripudja l-bejgħ, kif qieghed isir fil-kawza tal-lum, fuq il-pretest illi l-oġġett tal-bejgħ ma kienx tal-kwalita` patwita jiddekorri mid-data tal-kuntratt mhux mid-data tal-konsenja.*

*Fl-isfond ta` dawn il-konsiderazzjonijiet ta` dritt, din il-Qorti tgħid illi fil-każ tal-lum, il-provi akkwiżiti dwar l-eċċezzjoni ulterjuri tal-kumpannija konvenuta sejrin jitqiesu fuq il-premessa illi –*

*<u>Fl-ewwel lok</u>, il-perijodu ta` sentejn kontemplat mill-Art.1407(1) huwa perijodu ta` dekadenza mhux ta` preskrizzjoni.*

*<u>Fit-tieni lok</u>, is-sentejn jiddekorru mid-data illi fiha kien konkjuż ghall-finijiet u effetti kollha tal-liġi l-kuntratt bejn il-partijiet."*

Il-Qorti tabraċċja dawn il-prinċipji u tagħmilhom tagħha u kwindi tissottolinea li ż-żmien ta` sentejn stipulat mill-Art.1407(1) huwa wieħed ta` dekadenza li jibda għaddej mid-data illi fiha jkun ġie kien konkluż il-kuntratt ta' bejgħ bejn il-partijiet għall-fini tal-liġi.

Din hija wkoll il-pożizzjoni meħuda mill-konvenut li jargumenta li l-perjodu ta' sentejn imsemmi fl-artikolu 1407 (1) huwa wieħed ta' dekadenza li jibda għaddej mill-mument li sar il-kuntratt bejn il-partijiet. Huwa jirreferi għad-dokument tat-22 ta' Frar 2018 rilaxxat minnu lill-attur meta sar il-bejgħ u dan id-okument

jirrifletti wkoll dak li kien ftiehem dwar l-istess bejgħ mal-atturi. Għalhekk huwa jsostni li għall-finiijiet u effetti tal-liġi is-sentejn għandhom jibdew jiddekorru mit-22 ta' Frar 2018. Ġjaladarba l-kawża odjerna ġiet intavolata fl-4 ta' Novembru 2020 dan ifisser li kienu laħqu għaddew is-sentejn stipulati mill-liġi sabiex issir tali azzjoni.

Minn naħa tagħhom l-atturi jissottometu li fil-każ odjern kienu u għadhom qed jiġu allegati difetti serji fl-oġġett mibjugħ u fejn saħansitra ġie estiż it-terminu ta' żmien tal-garanzija li kien oriġinarjament mogħti. Isostnu wkoll li l-artikolu 1407 tal-Kodiċi Ċivili mhuwhiex applikabbli għall-każ odjern stante li l-partijiet qablu dwar kundizzjonijiet speċifiċi li allura għandhom jipprevalu. Inoltre u bla preġudizzju, fi kwalunkwe każ jeżistu wkoll l-estremi li jippermettu l-interruzzjoni tat-terminu ta' dekadenza peress li l-bejjiegħ irrikonoxxa l-vizzju redibitorju b'mod ċar, formali, espliċitu u nkondizzjonat.

Fiċ-ċirkustanzi l-Qorti tqis li għandha fl-ewwel lok tiddetermina jekk effettivament il-preskrizzjoni ai termini tal-artikolu 1407 tal-Kap 16 hijiex applikabbli għall-fattispeċje tal-każ odjern. In sostenn ta' dan l-argument l-atturi jiċċitaw is-sentenza **Robert Valvo vs Emanuel Bartolo deċiż fis-6 ta' Diċembru 2002**[5]**.** F'dik il-kawża kienet azzjoni intiza biex tirrixxindi bejgh ta' opra tal-bahar minhabba li l-attur, cioe' x-xerrej, allega li l-bejjiegħ, cioe' l-konvenut ikkonsenjalu opra tal-baħar li ma kienitx tal-kwalita' patwita u ma kienitx skond il-ftehim.

Isir għalhekk referenza għal istess deċiżjoni li fil-parti dipositiva tagħha tgħd hekk–

[5] 6 ta' Di1embru. 2002; Qorti tal-Appell.

*"7. Il-Qorti innotat li l-kuntratt tal-akkwist tal-boat in kwisjtoni esebit bħala dokument A a fol 11, 12 u 13 tal-proċess jikkontjeni pattijiet dettaljati ħafna li jirregolaw il-bejgħ u x-xiri tal-"boat" in kwistjoni. Jidher ċar għal din il-Qorti li l-partijiet intrabtu b'dawn il-kondizzjonijiet u pattijiet meta għamlu l-ftehim bejniethom u huma dawn il-pattijiet li għandhom jirregolaw id-diversi drittjiiet u obbligi rispettivi taghhom. Fil-fehma tal-Qorti, l-artikolu 1407 tal-Kodiċi Ċivili ma baqax aplikabbli għal każ odjern billi l-partijiet ħasbu għal kondizzjonijiet speċifiċi kif jirriżulta mill-qari akkurat ta' dawn il-klawsoli kontenuti fil-kuntratt imsemmi. Għalhekk din il-Qorti tikkondevidi dak li qalet l-ewwel Qorti li dana l-artikolu 1407 tal-Kodici Ċivili m'għandux japplika għal każ in kwistjoni, pero' ma taqbilx mar-raġuni li tat l-ewwel Onorabbli Qorti fis-silta li ġiet appena ċitata fil-paragrafu preċedenti. Din il-Qorti jidhrilha li, fl-istadju li waslet fih il-kawza, huwa pjuttost prematur li wieħed jippronunzja ruħu, minghajr perizja teknika, dwar il-kwistjoni jekk l-allegat difett fil-"boat" jaqax taħt il-garanzija stipulata tal-ħames snin jew tas-sentejn. Dana aktar u aktar għaliex il-konvenut appellant għamel espressa referenza fin-nota tal-eċċezzjonijiet tiegħu għall-klawżoli 6 u 7 tal-iskrittura tal-bejgħ datata 24 ta' Mejju 1997 u qiegħed jeċċepixxi li dawn il-klawżoli jeskludu kwalunkwe garanzija dwar il-bejgħ de quo, salv f'dak espress fl-istess klawżoli.*

*8. Illi għalhekk din il-Qorti waslet għal din il-konkluzjoni li l-artikolu 1407 imsemmi tal-Kodici Civili imsemmi fl-ewwel eccezzjoni tal-appellant ma huwiex applikabbli għall-kaz odjern minħabba li ġie reż inapplikabbli bil-pattijiet espressi kontenuti fl-iskrittura tal-bejgh u xiri tal-"boat" in kwistjoni."*

Għalkemm l-atturi jsostnu li dak il-każ għandu l-istess fattispeċje bħal dak odjern il-Qorti mhijiex tal-istess fehma. Meta l-Qorti f'dak il-każ ikkonkludiet li l-artikolu 1407 tal-Kodiċi Ċivili ma kienx applikabbli, hija qalet dan fil-kuntest tal-fatt li fl-iskrittura tal-bejgħ innifisha l-partijiet kienu ntrabtu b'pattijiet ferm

dettaljati li jirregolaw il-bejgħ u x-xiri tad-dgħajsa u l-Qorti qieset li allura dawn kellhom jipprevalu fl-eżerċizzju tad-drittijiet u obbligi rispettivi tagħhom.

Mhux l-istess ġara fil-każ odjern.

Id-dokument tal-bejgħ tal-*airconditioners* in kwistjoni tat-22 ta' Frar 2018 jikkontjeni essenzjalment il-modalita' tal-ħlasijiet u spejjeż oħra (infatti huwa nititolat "Condition of Payment") u l-perjodu li fih kellha ssir il-konsenja u l-installar tal-apparat. Xejn aktar. Dan ifisser li fih ma kien hemm ebda termini u kundizzjonijiet maqbula li b'xi mod jindirizzaw ċirkustanzi fejn l-*airconditioners* ma jirriżultawx tal-kwalita' pattwita. Għalhekk ma jistax jingħad li d-dokument tat-22 ta' Frar 2018 jista' b'xi mod jipprevali fuq l-applikazzjoni tal-artikolu 1407 tal-Kap 16 għall-fini tal-każ odjern. Għal kull buon fini jiġi rilevat ukoll li l-*emails* li jirreferu għalihom l-atturi ġew skambjati aktar minn sentejn wara u ċioe' f'Novembru 2020 u kwindi ma jistax jingħad li dak li ngħad fihom jifforma parti mill-ftehim tal-bejgħ.

Għalhekk dan l-argument huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt.

Stabbilit li l-artikolu 1407 tal-Kodiċi Ċivili huwa applikabbli għall-każ, il-Qorti tqis li t-terminu ta' dekadenza għandu jibda jiddekorri mid-data tad-dokument tat-22 ta' Frar 2018 stante li dak huwa l-ftehim li ssiġilla l-bejgħ tal-airconditioners in kwistjoni.

Imiss issa jiġi evalwat jekk - kif argumentat mill-atturi - jeżistux l-estremi li jippermettu l-interruzzjoni tat-terminu ta' dekadenza applikabbli fl-azzjoni redibitorja peress li l-bejjiegħ irrikonoxxa l-mankanzi b'mod ċar, formali, espliċitu u nkondizzjonat. In sostenn ta' dan l-argument huwa jiċċita dan l-estratt

mis-sentenza **Joseph Zarb et vs Mira Motors Sales Limited deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-2 ta' Diċembru 2005** -

*"F'dik is-sentenza, din il-Qorti irriferiet għas-sentenza fl-ismijiet* ***Emanuel Borg v. John Borg*** *deċiża fil-25 ta' Jannar 1989 mill-Qorti ta' l-Appell u li tinsab riportata fil-Kollezzjoni Volum LXXXII-II-260, u li wkoll straħet fuqha l-ewwel Onorabbli Qorti meta tat id-decizjoni li issa qegħdha tiġi appellata. Konsegwentement, m'hemmx lok li l-ewwel aggravju ta' l-appellanti jintlaqa'.*

*12. Bit-tieni aggravju tagħhom, l-appellanti qegħdin jirritjenu li anke jekk it-terminu in kwistjoni jigi konsidrat bħala wieħed ta' dekadenza, xorta waħda teżisti ġurisprudenza tal-Qrati tagħna li ppermettiet l-interruzzjoni ta' dan it-terminu meta jkunu jissustissu kundizzjonijiet partikolari. Intqal fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Kummerċ fid-29 ta' Ottubru 1954 fil-kawża* ***Camilleri v. Calascione*** *li biex ikun hemm sospensjoni tat-terminu ta' dekadenza applikabbli fl-azzjoni redibitorja, il-bejjiegħ irid jagħmel rikonoxximent tal-vizzju redibitorju, liema rikonoxximent irid ikun ċar, formali, espliċitu u inkondizzjonat."*

**Ara ukoll Giuseppe Sammut v. Notaro Edoardo Pellegrini Petit, Appell Ċivili tas-16 ta' Jannar, 1920, (Vol. XXIV p 276) (Kollazz. Vol.VII pagna 526)**

L-atturi jargumentaw fl-emails li ntbagħtu fit-2 ta' Novembru 2020 hemm rikonoxximent ċar, formali, espliċitu u nkondizzjonat meta s-suppliers tal-*airconditioners* irrikonoxxew il-mankanzi fihom u kwindi għandu għallinqas ikun hemm interruzzjoni tat-terminu ta' dekadenza -

*"Problem with ceiling flaps commenced immediately on commissioning. To date we still have problems with some flaps, but it seems we found a solution – once*

*we fix these problems we can extend the warranty for the indoor units only by one year!"*

B'referenza għal dan l-argument, il-Qorti fl-ewwel lok tirreferi għall-kunsiderazzjonijiet li għamlet il-Qorti tal-Appell fis-sentenza appena ċitata dwar l-aggravju mressaq –

*"18. Fl-aħħarnett ta' min jissenjala li fil-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna jidher li hemm ċertu konflitt dwar il-kwistjoni jekk terminu ta' dekadenza jistax jiġi interrott jew le. Fuq naħa waħda hemm sentenzi fosthom dawk li ġew ċitati mill-atturi appellanti f'din il-kawża, u fuq in-naħa l-oħra hemm diversi sentenzi li jistabilixxu li tali terminu ta' dekadenza huwa wieħed fatali li ma jkunx jista' jiġi interrott jew sospiż. Sentenza reċenti f'dan is-sens ingħatat mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fid-9 ta' Ġunju 2005 fil-kawża fl-***ismijiet Joseph Vella noe v. Anthony Migneco et noe***. Hemmhekk inter alia intqal: "Perjodu ta' dekadenza mhux suġġett għar-regoli ta' sospensjoni jew ta' interruzzjoni; dak it-terminu mhux prorogabbli, u l-inattivita` fil-perjodu ta' xahar irrimedjabbilment jippreġudika d-drittijiet tal-kompratur. Skadut dak it-terminu, l-azzjoni mhix aktar amissibli (ara "***Camilleri v. Micallef** *", deċiża mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-5 ta' Ottubru, 1998) u l-Qorti għalhekk tista' u anzi għandha tissolleva dan il-punt ex officio, (ara wkoll "***Surprise Yachts Limited v. Rosso***", deċiża minn din il-Qorti fil-21 ta' April, 2004, fejn ġie osservat, fuq l-iskorta ta' ġurisprudenza preċidenti, li ladarba t-terminu hu perentorju ta' dritt "lanqas hi ammessa r-rinunzja għal eċċezzjoni bħal din".*

*19. Din il-Qorti ma jidrilhiex li huwa meħtieġ għall-fini ta' din il-kawża li tidħol aktar fil-fond dwar il-kwistjoni jekk il-perjodu ta' dekadenza jistax jiġi interrot jew le, ġialadarba, fi kwalunkwe każ, jirriżulta li fil-każ odjern ma ġewx sodisfatti r-rekwiżiti speċifiċi li ġew stabbiliti fl-imsemmija sentenzi tal-Qrati tagħna li*

*jirrikonoxxu l-possibbilita` li t-terminu ta' dekadenza jiġi interrot. Għalhekk, anke dan it-tieni aggravju ta' l-appellanti m'hemmx lok li jintlaqa'."*

Fid-dawl tas-suespost il-Qorti tqis li lanqas fil-każ odjern ma hemm il-ħtieġa li tidħol fil-kwistjoni jekk terminu ta' dekadenza jistax jiġi nterrot jew sospiż. Dan għaliex mill-provi mressqa fil-każ odjern jirriżulta li meta seħħet l-ammissjoni tal-mankanzi li kien hemm fl-*airconditioners* fit-2 ta' Novembru 2020 kienu diġa laħqu għaddew sentejn mid-data tal-ftehim tal-bejgħ tat-22 ta' Frar 2018. Kwindi f'dak l-istadju ma kien hemm ebda terminu li potenzjalment seta' jiġi nterrott jew sospiż.

Anke dan l-argument huwa għalhekk meqjus li huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt.

Raġġunti dawn il-konklużjonijiet il-Qorti hija tal-fehma li l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut hija ġustifikata peress li l-kawża odjerna ġiet intavolata aktar minn sentejn minn mindu kien sar il-ftehim dwar il-bejgħ tal-*airconditioners* in kwistjoni.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-konvenut u tiċħad it-talbiet tal-atturi bl-ispejjeż kontra tagħhom.**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imħallef**

**Victor Deguara**
**Dep. Reġ.**